# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2823

Każ Nru 3953/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Pierre Portelli (K.I. 159481M)

u

PlayAttack Limited (C 89486)

Data: 11 ta' Mejju 2022

*Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat fit-18 ta' Marzu 2021 permezz ta' Rikors mill-Avv. Roselyn Borg u l-Avv. Patrick Farrugia f'isem Pierre Portelli fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà PlayAttack Limited fl-1 ta' Diċembru 2020. Is-Soċjetà ntimata li kienet rappreżentata minn Shelley Camenzuli, assistita mill-Avv. Jurgen Dingli, innegat. Inżammu sitt seduti. A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap. 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent jgħid li matul l-impieg mas-Soċjetà ntimata bħala *Senior Digital Marketing Manager* dejjem qeda' dmirijietu tajjeb u wara l-perijodu ta' *probation* ġie konfermat. Kien hemm xi inċidenti li ma kellu l-ebda tort tagħhom u rċieva l-unika twissija formali f'Ottubru 2021. Jgħid li kien hemm bidla fir-relazzjoni mas-CEO tas-Soċjetà tant li f'Novembru tal-istess sena din kienet qaltlu li billi ma kienx jiflah u ma setax ikampa iktar fir-rwol tiegħu offritlu *reference letter* u *exit package* biex jirriżenja. Wara dan huwa ħassu ma jiflaħx u ħareġ bis-*sick leave* u ġie ċertifikat mit-tabib tiegħu b'ansjetà. Meta daħal lura ġie nfurmat li peress li kellu tliet twissijiet, li hu jinnega, kien se jiġi liċenzjat minnufih mingħajr l-ittra ta' riferenza u l-*exit package*. Is-Soċjetà ntimata mill-banda l-oħra tgħid li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tar-Rikorrent, liema nuqqasijiet inkludew prestazzjoni mhux ta' livell mistenni minn impjegat

b'kariga għolja u kiser l-obbligi kontrattwali tiegħu, tgħid illi ippruvat tirrimedja s-sitwazzjoni mingħajr ma tittermina l-impieg tar-Rikorrent u ħarġitlu twissijet.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal eżamina bir-reqqa kemm il-lanjanzi tas-Soċjetà ntimata kif ukoll l-ispjegazzjonijiet tar-Rikorrent. Jekk wieħed jara ftit il-kwisjoni tat-twissjiet jidher li għad li r-Rikorrent jgħid li kellu twissija waħda biss, dik t' Ottubru 2021, fil-fatt kien hemm għal anqas waħda oħra bil-miktub (Dok SC4 preżentata mal-affidavit ta' Shelly Camenzuli prezentat fl-20 t' Ottubru 2021). Is-Soċjetà ntimata tgħid illi l-opijoini dwar ir-Rikorrent kienet iddeterjorat tant li s-CEO iddeċidiet li r-Rikorrent kellu jiġi offrut *exit package* u jitlaq (Affidavit ta' Shelley Camenzuli paragrafu 16). Ma hemmx dubju li n-nuqqasijiet tar-Rikorrent huma ta' ċerta serjetà u kienu ta' preġudizzju għall-interessi tas-Soċjetà u meta wieħed jikkunsidra l-pożizzjoni għolja li kellu jixhdu l-gravità tagħhom. Il-liċenzjament huwa ċertament is-sanzjoni estrema. Għaldaqstant it-Tribunal irid ikun ċert li r-Rikorrent timmeritah din is-sanzjoni. F'dan il-każ it-Tribunal ma għandux dubju li r-Rikorrent kien ġie liċenzjat għal raġuni ġusta meta wieħed jikkunsidra n-nuqqasijiet varji li ġie mixli bihom u ppruvati. L-affidavit ta' Alexandra Bashamakova, ex-CEO ta' PlayAttack Limited, preżentat fit-12 ta' Jannar 2022 bħala Dok PAL3, jagħti dettali ċari dwar in-nuqqasijiet li ġew attribwiti lir-Rikorrent. Huma nuqqasijiet kbar li jixhdu t-traskuraġni, non kuranza u tfarfir ta' doveri daparti tar-Rikorrent għad li fid-difiża tiegħu r-Rikorrent spiss jitfa t-tort fuq ħaddieħor. It-Tribunal ried ikun ċert li meħudin flimkien dawn in-nuqqasijiet ipprovdewx il-livell ta' suffiċjenza li tirrikjedi l-liġi f'każ ta' terminazzjoni inġusta.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Pierre Portelli minn mas-Soċjetà ntimata PlayAttack Limited kien għal raġuni tajba u biżżejjed.

## 5. Drittijiet

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Bhekk jintemm dan il-Każ.

**Iffirmat : Is-Sur Franco Masini**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**
**Ghas-Segretarja**